# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

### GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April 2002

### Avviz numru : 23/2002GT(GM)

**Middle Sea Insurance plc. Kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Johan Bugeja abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Johan Bugeja**

**vs**

**Renfred Curmi**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Peress illi fl-10 ta' Gunju 2001, f'Mgarr Road, Victoria, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura IAR 212, huwa habat mal-vettura LAC 648 ta' Johan Bugeja, u b'rizultat tal-kollizjoni, ikkawza danni fil-vettura tal-istess Johan Bugeja, u ghall-liema kollizjoni huwa responsabbli unikament il-konvenut minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.**

**Peress illi s-socjeta' attrici abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li ghandha mal-assigurat taghha ikkompensatu tad-danni rizultanti mill-imsemmi incident.**

**Peress illi b'rizultat tal-imsemmija kollizjoni kkawzata mill-konvenut, l-atturi sofrew danni ammontanti ghal Lm810.00c u nonostante li l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, huwa baqa inadempjenti.**

**Ghaldaqstant l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, minhabba negligenza, imperizja, traskuraggni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu u li jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm810.00.**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittri legali tat-18 ta' Dicembru 2001 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tieghu, kontra l-konvenut, li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu."**

**Ra n-nota ppresentata fl-udjenza tat-18 t'April 2002 li permezz taghha cediet il-mertu izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez;**

**Billi jidher li din il-kawza saret minhabba l-inadempjenza tal-konvenut;**

**It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz kwantu ghall-mertu izda jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-ispejjez tal-istanti, inkluzi id-dritt tal-avukat tas-socjeta'attrici.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**